*Maltese*

18 ta' Awissu 2009

**Il-Gvern ikompli nutilment inaqqar mid-Drittijiet taċ-Ċittadini Nassaba...**

Bl-aħħar miżuri li tħabbru illum rigward l-insib tal-gamiem, summien, pluvieri u imlivez, il-Gvern mhux biss ser ikompli nutilment inaqqar mid-Drittijiet taċ-Ċittadini nassaba, iżda ser ukoll ikompli jgħakkas u jżid spejjes lil dawn l-istess nassaba.

La l-qisin tal-malji tax-xibka, kif ukoll lanqas il-provista ta' *site-plans* ma jifformaw parti minn xi Liġi u/jew regolament tal-Unjoni Ewropea. Dawn sa jkunu biss piż ieħor finanzjarju mpost mill-Gvern Malti fuq iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Peress li tali nsib jirrigwarda speċi li wieħed jista' jikkaċċjahom liberament, l-applikazzjoni ta' Deroga mid-Direttiva tal-"Għasafar" biex ikun permess dan l-insib ukoll ma hemmx bżonna, kif din ma ġietx applikata għas-snin 2005 u 2006, meta kien permess dan l-istess insib. Din id-Deroga ser tiġi applikata peress li l-Gvern qed jerġa jibża mis-soltu theddid tal-BirdLife Malta, liema soċjeta' hija konxja mill-inefficenza tal-Gvern fejn jidħol applikazzjoni korretti ta' derogi kif rajna tul dawn is-snin minn meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea. Kien ikun aħjar li kieku l-Gvern ra kif għamel biex applika deroga biex jibqa jippermetti l-insib tradizzjonali għall-għasafar tal-għana, kif kien wiegħed l-istess Gvern lil dawn l-eluf ta' nassaba.

B'dawn il-miżuri il-Gvern qiegħed ukoll joħloq diskriminazzjoni lejn mhux biss nassaba ġodda prospettivi, iżda ukoll lejn dawk il-kaċċaturi liċenzjati li jistgħu jisparaw u joqtlu gamiema, summiena, pluviera u malvizz, imma huma impeduti li jkollhom liċenzja tal-insib, sakemm mhux diġa għandhom, biex jaqbdu dawn l-għasafar bil-mansab sabiex iżommuhom ħajjin.

F'dawn il-jiem il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ser toħroġ struzzjonijiet ta' x'għandhom jagħmlu dawk in-nassaba li ħalsu l-liċenzji tal-insib permez ta' mandat għand l-istess FKNK.

Lino Farrugia

Segretarju - FKNK

*Ingliż*

18th August 2009

**Government unnecessarily continues to restrict Trappers' Citizen Rights...**

With the latest measures announced today regarding the capturing by the use of nets for the purpose of keeping alive turtle doves, quails, golden plovers and song thrushes, Government will not simply continue to unnecessarily restrict trappers' Citizen Rights, however will impose further hardship and expenses on these same trappers.

The size of nets perforation and the supply of site-plans are not EU requisites. These will only add other government induced financial burdens on the citizens of Malta and Gozo.

The application of a Derogation from the "Birds' Directive to permit this capturing is also not necessary since the species in question can be hunted. Such a Derogation was not applied for years 2005 and 2006 when this type of capturing was also permitted. The Derogation is only being applied because of the usual BirdLife Malta scaremongering threats against Government. The same Society which is very much aware of Government's inefficiency at the correct application of derogations as amply proved over the years since Malta became an EU Member State. Government would have made a better move had it decided to apply a derogation to still permit, as it had promised, the traditional passion of finch capturing which is practised by thousands.

With these measures Government is also visibly discriminating against any would be new trappers, but also licensed hunters who can shoot and kill turtle doves, quails, golden plovers and song thrushes, however these citizens, except for those already in possession of a trapping license, are being impeded from obtaining this trapping license to capture and keep alive these same birds by the use of nets.

In the coming days the Federation for Hunting & Conservation – Malta (FKNK) will be issuing instructions on how trappers who have already paid their trapping licenses through mandates to the FKNK should now proceed.

Lino Farrugia

Secretary - FKNK